VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,895, 27 ta' Marzu, 2012*
*Taqsima B*

**A.L. 102 tal-2012**

# ATT DWAR AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

## Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bis-subartikolu (1) tal-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, il-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, bl-approvazzjoni tal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

**1.** It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2012 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 423.03

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

**2.** Ir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara t-tifsira "persuna li tgħix fil-bini", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "residenza prinċipali" tfisser id-dar ta' abitazzjoni fejn individwu jkun abitwalment joqgħod bħala l-post ta' abitazzjoni unika jew prinċipali tiegħu, kemm f'Malta jew band'oħra, kif ikun jista' jiġi stabbilit permezz ta' evidenza dokumentarja:

Iżda dar ta' abitazzjoni ma titqiesx bħala residenza prinċipali jekk il-proprjetà tiġi wżata b'mod predominanti wkoll għal skopijiet kummerċjali jew ta' manifattura, jew għal kull tip ta' sengħa jew professjoni;"; u

(b) minnufih wara t-tifsira ġdida "residenza prinċipali", għandha tiżdied it-tifsira ġdida li ġejja:

" "residenza sekondarja" tfisser kull proprjetà immobbli wżata biss għal finijiet residenzjali, li ma tkunx isservi bħala r-residenza prinċipali tal-individwu;".

Jemenda r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali.

**3.** Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregulament (6) tiegħu għandu jiġi sostitiwit bir-subregolament ġdid li ġej:

"(6) Għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti il-konsumatur għandu jkun intitolat jippreżenta applikazzjoni li biha jitlob liċ-*Chief Executive* jirreġistra individwi li jkollhom ir-residenza primarja tagħhom f'Malta fuq Servizz għall-Post Residenzjali fir-rigward ta' dik ir-residenza primarja:

Iżda l-ebda individwu ma' jista jkun reġistrat fuq aktar minn Servizz għall-Post Residenzjali wieħed fl-istess waqt u l-ebda individwu m'għandu jkun reġistrat fuq *garage* jew il-partijiet komuni ta' *condominium*."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (7) tiegħu għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Id-disposizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw fir-rigward tar-reġistrazzjoni ta' individwi fuq Servizz għal Post Domestiku jew fuq Servizz għal Post Residenzjali:

(a) konsumatur għandu jagħti bil-miktub lill-Korporazzjoni, f'dak iż-żmien kif jista' jiġi stipulat mill-Korporazzjoni, kull informazzjoni flimkien ma' dokumenti b'sostenn tal-istess informazzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Korporazzjoni bl-iskop li ssir dik ir-reġistrazzjoni;

(b) konsumatur għandu javża lill-Korporazzjoni bil-miktub b'kull bidla fiċ-ċirkostanzi li abbażi tagħhom għandha ssir dik ir-reġistrazzjoni, mhux aktar tard minn xahar minn meta ssir dik il-bidla;

(ċ) kull bidla fl-għadd ta' persuni reġistrati fuq Servizz għal Post Domestiku jew fuq Servizz għal Post Residenzjali jkollha effett, għall-finijiet ta' dik ir-reġistrazzjoni, mid-data tal-ewwel qari normali tal-arloġġ li jiġi wara d-data li fiha ssir il-bidla fl-għadd ta' persuni jew id-data meta l-Korporazzjoni tkun ġiet avżata bil-miktub b'dik il-bidla, fid-diskrezzjoni tal-Korporazzjoni;

(d) persuna li tkun tgħix f'post tista' tapplika mal-Korporazzjoni biex tiġi reġistrata f'post

differenti u minflok dak il-post li tkun tgħix fih bħala Servizz għal Post Domestiku;

(e) kull applikazzjoni għandha ssir f'dik l-għamla li tista' tiġi maħruġa mill-Korporazzjoni minn żmien għal żmien;

(f) kull arranġament magħmul skont dan is-subregolament għandu jibqa' jgħodd sal-31 ta' Diċembru tas-sena li fiha jkun sar jew li għaliha jkun iġġedded, u għandu jitqies li ġie mġedded għas-sena li tiġi minnufih wara dik is-sena, kemm-il darba l-konsumatur, mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' Novembru tas-sena li fiha l-arranġament ikun seħħ, ma jkunx ta avviż bil-miktub lill-Korporazzjoni illi huwa ma jridx li l-imsemmi arranġament jiġi hekk imġedded.".

Jemenda l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

**4.** Il-partita 2 tal-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.